Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 1993

dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja

(93/195/KEE)

(ĠU L 86, 6.4.1993, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/344/KEE tas-17 ta' Mejju 1993	L 138	11	9.6.1993
►M2	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/509/KEE tal-21 ta' Settembru 1993	L 238	44	23.9.1993
►M3	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/453/KE tad-29 ta' Ġunju 1994	L 187	11	22.7.1994
►M4	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/561/KE tas-27 ta' Lulju 1994	L 214	17	19.8.1994
►M5	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/99/KE tas-27 ta' Marzu 1995	L 76	16	5.4.1995
►M6	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/322/KE tal-25 ta' Lulju 1995	L 190	9	11.8.1995
►M7	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/323/KE tal-25 ta' Lulju ta' l-1995	L 190	11	11.8.1995
►M8	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/279/KE tas-26 ta' Frar 1996	L 107	1	30.4.1996
►M9	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/160/KE ta' l-14 ta' Frar 1997	L 62	39	4.3.1997
►M10	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/684/KE ta' l-10 ta' Ottubru 1997	L 287	49	21.10.1997
►M11	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/360/KE tat-18 ta' Mejju 1998	L 163	44	6.6.1998
►M12	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/567/KE tas-6 ta' Ottubru, 1998	L 276	11	13.10.1998
►M13	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/594/KE tas-6 ta' Ottubru 1998	L 286	53	23.10.1998
►M14	Id-Deċiżoni tal-Kummissjoni 1999/228/KE tal-5 ta' Marzu 1999	L 83	77	27.3.1999
►M15	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/558/KE tas-26 ta' Lulju 1999	L 211	53	11.8.1999
►M16	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/209/KE ta' l-24 ta' Frar 2000	L 64	22	11.3.2000
►M17	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/754/KE ta' l-24 ta' Novembru 2000	L 303	34	2.12.2000
►M18	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 117/01 tas-26 ta' Jannar 2001	L 43	38	14.2.2001
►M19	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/144/KE tat-12 ta' Frar 2001	L 53	23	23.2.2001
►M20	Id-Decizjoni tal-Kummissjoni 2001/610/KE tat-18 ta' Lulju 2001	L 214	45	8.8.2001
►M21	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/611/KE ta' l-20 ta' Lulju 2001.	L 214	49	8.8.2001
►M22	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004	L 73	1	11.3.2004
►M23	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/605/KE ta' l-4 ta' Awwissu 2005	L 349M	262	12.12.2006

►**M24**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/771/KE tat-3 ta’ Novembru 2005	L 349M	546	12.12.2006
►**M25**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/943/KE tal-21 ta’ Diċembru 2005	L 349M	723	12.12.2006
►**M26**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/542/KE tat-2 ta' Awwissu 2006	L 118M	1054	8.5.2007
►**M27**	Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)	L 362	1	20.12.2006
►**M28**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/266/UE tat-30 ta’ April 2010	L 117	85	11.5.2010
►**M29**	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/463/UE tal-20 ta’ Awwissu 2010	L 220	74	21.8.2010
►**M30**	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta’ Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
►**M31**	Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/416/UE tal-31 ta’ Lulju 2013	L 206	9	2.8.2013

Emendata minn:

►**A1**	Att ta’ Adeżjoni ta’ l-Awstrija, l-Isvezja u l-Finlandja	C 241	21	29.8.1994
►**A2**	Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea	L 236	17	23.9.2003

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 1993

dwar is-saħħa ta' l-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja

(93/195/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregaolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' *equidae* ([1]), kif l-aħħar emendati mid-Direttiva 92/36/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 (ii) tagħha,

Billi bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE ([3]), kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/100/KEE ([4]), il-lista tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimpurtaw *equidae* b'mod partikolari ġew stabbiliti;

Billi huwa wkoll neċessarju li tiġi kkunsidrata r-reġjonalizzazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi li jidhru fil-lista msemmija fuq, li hija soġġetta għad-Deċiżjoni tal-Kummisssjoni 92/160/KEE ([5]), kif emendata mid-Deċiżjoni 92/161/KEE ([6]);

Billi l-awtoritajiet nazzjonali veterinarji ntrabtu sabiex jinnotifikaw 'il Kummissjoni u 'l Istati Membri, permezz ta' telegramm, *telex* jew *telefax,* f'24 siegħa mill-konferma ta' mard infettiv jew li jittieħed f' *equidae* ta' listi A u B ta' l-Uffiċju Internazzjonali ta' l-Epiżjotika (UIE) jew l-adozzjoni ta' vaċċinazzjoni kontrihom, f'perijodu xieraq, ta' kwalunkwe tibdil propost fir-regoli ta' importazzjoni nazzjonali li jikkonċernaw l-*equidae*;

Billi l-kategoriji differenti ta' żwiemel għandhom il-fatturi tagħhom u l-importazzjonijiet tagħhom huma awtorizzati għall-għanijiet differenti; filwaqt li, konsegwentement, ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa jistgħu jkunu stabbiliti għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja;

Billi, kunsidrata l-eżistenza tas-sitwazzjonijiet tas-saħħa ekwivalenti fil-korsa u f'postijiet fejn isiru kompetizzjonijiet u okkażjonijiet kulturali, u kondirata l-iżolazzjoni minn *equidae* ta' livell baxx fis-saħħa, jidher prudenti li jiġi stabbilit ċertifikat singlu tas-saħħa għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja għall-pajjiżi terzi;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

([1]) ĠU L 224, ta' l-1.8.1990, p. 42.
([2]) ĠU L 157, tal-10.6.1992, p. 28.
([3]) ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
([4]) ĠU L 40, tas-17.2.1993, p. 23.
([5]) ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 27.
([6]) ĠU L 71, tat-18.3.1992, p. 29.

▼B

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 92/160/KEE L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara l-esportazzjoni temporanja, meta dawn iż-żwiemel bħal dawn:

— ritorn minn pajjiżi terzi li jidhru fi Partijiet I u II tal-kolonna speċjali għall-*equidae* fl-Anness għad-Deċiżjoni 79/542/KEE li għalih kienu esportati temporanjament jew direttament wara t-transitu f'pajjiżi oħra ta' l-istess grupp fl-Anness I tad-Deċiżjoni preżenti,

— iħares il-ħtiġijiet preskritti f'kampjuni taċ-ċertifikati tas-saħħa ta' l-annimali stipulati fl-Anness II għad-Deċiżjoni preżenti,

▼M23

— ħadu sehem fi tlielaq, kompetizzjonijiet jew avvenimenti kulturali speċifiċi fil-Kanada jew fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'ċertifikat tas-saħħa skond il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stipulat fl-Anness III ma' din id-Deċiżjoni.

▼M10

— ikun ħadu sehem fit-Tazza tad-Dinja tat-Tlielaq ta' Dubaj u jilħqu l-ħtiġiet preskritti fiċ-ċertifikat tas-saħħa skond il-mudell stipulat f'L-Anness IV li jinsab ma' din id-Deċiżjoni,

▼M12

— li jkunu ħadu sehem fil-Melbourne Cup u kienu skond il-ħtiġijiet stabbiliti f'ċertifikat ta' saħħa skond il-mudell muri fl-Anness V ta' din id-Deċiżjoni,

▼M17

— ħadu sehem fit-Tlielaq Internazzjonali tat-Tazza tal-Ġappun u ta'Ħong Kong u jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba stabbiliti f'ċertifikat tas-saħħa skond il-mudell imfassal fl-Anness VI ma' din id-Deċiżjoni,

▼M28

— ħadu sehem fl-avvenimenti ekwestri tal-Logħob Asjatiku jew għat-Tazza tad-Dinja tal-Kapaċità ta' Reżistenza, irrispettivament f'liema mill-pajjiżi terzi, territorji jew partijiet tagħhom se ssir il-kompetizzjoni, u mil-liema dħul mill-ġdid fl-Unjoni hi awtorizzata kif previst mit-tieni inċiż tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2004/211/KE u indikat fil-kolonna 7 tal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, u jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fiċ-ċertifikat tas-saħħa f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness VII ta' din id-Deċiżjoni,

▼M20

— wara li jkunu ħadu sehem fil-Grupp Internazzjonali/Laqgħat tal-Grad fl-Awstralja, l-Kanada, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, Hong Kong, il-Ġappun, Singapore jew l-Emirati Magħquda Għarab u laħqu mal-ħtiġiet preskritti fiċ-ċertifikat tas-saħħa bi qbil mal-mudell preskritt fl-Anness VIII għal din id-Deċiżjoni,

▼**M24**

— ħadu sehem f'avvenimenti ekwestri għal-Logħob Olimpiku, l-avvenimenti ta' testijiet ta' tħejjija jew fil-*Paralympics* u jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'ċertifikat tas-saħħa skond il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stipulat fl-Anness IX għal din id-Deċiżjoni,

▼**B**

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼**M28**

L-ANNESS I

Il-Grupp Sanitarju A ([1])

L-Isvizzera (CH), il-Groenlandja (GL), l-Islanda (IS)

Il-Grupp Sanitarju B ([1])

L-Awstralja (AU), il-Belarus (BY), ►**M30** ——————— ◄, il-Montenegro (ME), dik li kienet Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ([2]) (MK), New Zealand (NZ), is-Serbja(RS), ir-Russja ([3]) (RU), l-Ukrajna (UA)

Il-Grupp Sanitarju C ([1])

Il-Kanada (CA), iċ-Ċina (CN) ([3]), Ħong Kong (HK), il-Ġappun (JP), ir-Repubblika tal-Korea (KR), il-Makaw (MO), il-Malasja (peninsula) (MY), Singapor (SG), it-Tajlandja (TH), l-Istati Uniti tal-Amerika (US)

Il-Grupp Sanitarju D ([1])

L-Arġentina (AR), il-Barbados (BB), il-Bermuda (BM), il-Bolivja (BO), il-Brażil ([3]) (BR), iċ-Ċili (CL), il-Kosta Rika ([3]) (CR), Kuba (CU), il-Ġamajka (JM), il-Messiku ([3]) (MX), il-Peru ([3]) (PE), il-Paragwaj (PY), l-Urugwaj (UY)

Il-Grupp Sanitarju E ([1])

L-Emirati Għarab Magħquda (AE), il-Baħrejn (BH), l-Alġerija (DZ), ►**M29** ——————— ◄ l-Iżrael (IL), il-Ġordan (GO), il-Kuwajt (KW), il-Libanu (LB), il-Libja (LY), il-Marokk (MA), l-Oman (OM), il-Qatar (QA), l-Arabja Sawdija ([3]) (SA), is-Sirja (SY), it-Tuneżija (TN), it-Turkija ([3]) (TR)

([1]) Il-grupp sanitarju kif indikat fil-kolonna 5 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

([2]) Dan il-Kodiċi proviżorju ma jippreġudika, bl-ebda mod, id-denominazzjoni definittiva għal dan il-pajjiż, li se tkun approvata wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa fin-Nazzjonijiet Uniti.

([3]) Parti mill-pajjiż terz jew territorju f'konformità mal-Artikolu 13(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE kif indikat fil-kolonni 3 u 4 tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

▼M31

ANNESS II

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni Ewropea ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja għal perjodu ta' mhux iktar minn 30 jum.

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna milbgħuta

I.1. Speditur
Isem
Indirizz
Nru tat-tel.

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Nru tat-tel.

I.6. Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE

I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi tal-ISO

I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi tal-ISO

I.10. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi

I.11. Post tal-oriġini
Isem
Indirizz
Nru tal-approvazzjoni

I.12. Post tad-destinazzjoni

I.13. Post tat-tagħbija
Indirizz
Nru tal-approvazzjoni

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz tat-trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Ieħor ☐
Identifikazzjoni
Referenzi tad-dokumentazzjoni

I.16. Punt tad-dħul

I.17. Nru/i tas-CITES

I.18. Temperatura tal-prodotti

I.19. Numru/Kwantità

I.20. Għadd totali ta' pakketti

I.21. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.22. Prodotti ċċertifikati għal:
Żiemel reġistrat ☐

I.23. Għat-tranżitu għal pajjiż terz minn ġol-UE

I.24. Għall-importazzjoni jew dħul fl-UE ☐
Dħul mill-ġdid ta' żiemel ☐

I.25. Identifikazzjoni tal-prodotti
Kodiċi tad-dwana u titlu:
0101 Żwiemel, ħmir, bgħula, u bgħula tal-irkib ħajjin

Speċi (isem xjentifiku)	Razza	Kategorija	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni

▼M31

PAJJIŻ **Dħul mill-ġdid ta' żiemel reġistrat wara l-esportazzjoni temporanja ta' mhux iktar minn 30 jum**

II.	**Informazzjoni dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal

Jiena, li ismi jidher imniżżel hawn isfel, niċċertifika li ż-żiemel reġistrat deskritt hawn fuq jilħaq il-kundizzjonijiet meħtieġa li ġejjin:

(a) ġej minn pajjiż fejn il-mard li ġej irid jiġi mgħarraf bil-fors: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), il-glanders (*Burkholderia mallei*), l-enċefalomjelite ekwina (it-tipi kollha inkluża l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela), l-anemija infettiva taż-żwiemel, l-istomatite vesikulari, l-idrofobija, l-antraċe;

(b) ġie eżaminat illum u ma juri l-ebda sinjal kliniku ta' mard ([1]);

(c) mhux maħsub biex jinqatel skont programm nazzjonali ta' mard infettiv jew qerda ta' mard li jittieħed;

(d) ma kienx barra mill-Unjoni Ewropea għal perjodu kontinwu ta' iktar minn 30 jum u kien importat fil-pajjiż ([2]) tal-ispedizzjoni fi ..... ([3]) jew minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew minn pajjiż terz li jidher fl-istess grupp (ara l-ANNESS I tad-Deċiżjoni 93/195/KEE), u minn mindu nħareġ mill-Unjoni Ewropea qatt ma kien f'pajjiż terz għajr f'dak l-istess grupp; kien residenti f'farms taħt sorveljanza veterinarja u kien alloġġat fi stalel separati mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' annimali ekwini ta' stat ta' saħħa inferjuri ħlief waqt tiġrijiet, kompetizzjonijiet jew okkażjonijiet kulturali;

(e) mhux ġej mit-territorju jew, f'każijiet ta' tqassim f'reġjuni uffiċjali skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, minn parti tat-territorju ta' pajjiż terz li fih:

(i) l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela tfaċċat matul l-aħħar sentejn;

(ii) id-durina tfaċċat matul l-aħħar sitt xhur;

(iii) il-glanders tfaċċat matul l-aħħar sitt xhur;

(f) mhux ġej minn territorju jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż terz meqjus, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, li hu infettat mill-marda Afrikana taż-żwiemel;

(g) mhux ġej minn farm li kien soġġett għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali u lanqas ma kien f'kuntatt ma' annimali ekwini minn farm li kien soġġett għal projbizzjoni għall-raġunijiet tas-saħħa tal-annimali:

(i) matul sitt xhur fil-każ ta' enċefalomjelite ekwina, li jibdew fid-data li fiha l-annimali ekwini li jsofru mill-mard ikunu maqtula;

(ii) fil-każ tal-anemija infettiva taż-żwiemel, sad-data li fiha jkunu maqtula l-annimali infettati, il-bqija tal-annimali jkunu wrew reazzjoni negattiva għal żewġ testijiet ta' Coggins imwettaq fi żmien tliet xhur minn wieħed għal ieħor,

(iii) matul sitt xhur fil-każ tal-istomatite vesikulari;

(iv) matul sitt xhur fil-każ tal-arterite virali ekwina fil-każ ta' żwiemel maskili mhux kastrati;

(v) matul xahar mill-aħħar każ reġistrat, fil-każ tal-idrofobija;

(vi) matul 15-il jum mill-aħħar każ reġistrat, fil-każ tal-antraċe.

Jekk l-annimali kollha tal-ispeċijiet vulnerabbli għall-marda li jinsabu fil-farm ikunu nqatlu u l-bini jkun ġie diżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 jum, li jibda minn dakinhar li l-annimali jkunu nqerdu u l-bini ġie diżinfettat, ħlief fil-każ tal-antraċe, fejn il-perjodu ta' projbizzjoni huwa ta' 15-il jum;

(h) sal-aħjar tagħrif li għandi jien, ma ġiex f'kuntatt ma' annimali ekwini li jbatu minn mard infettiv jew li jittieħed fil-15-il jum ta' qabel din iċ-ċertifikazzjoni.

II.2. Iż-żiemel jintbagħat f'vettura nadifa u diżinfettata minn qabel b'diżinfettant uffiċjalment rikonoxxut fil-pajjiż tal-ispedizzjoni u ddisinjat b'tali mod li l-ħmieġ tal-annimali, l-iskart jew l-għalf ma jistax joħroġ waqt it-trasport.

II.3. Iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, iż-żmien għandu jitwal biż-żmien tal-vjaġġ.

Id-dikjarazzjoni li ġejja, iffirmata mis-sid jew mir-rappreżentant, hija parti miċ-ċertifikat.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.8.: Ipprovdi l-Kodiċi tat-territorju kif jidher fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1).

▼M31

PAJJIŻ **Dħul mill-ġdid ta' żiemel reġistrat wara l-esportazzjoni temporanja ta' mhux iktar minn 30 jum**

II. **Informazzjoni dwar is-saħħa**	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

Kaxxa I.15.: Għandu jingħata n-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur). Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, l-ispeditur għandu jinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera bid-dħul fl-Unjoni Ewropea.

Kaxxa I.23.: Fil-każ ta' kontenituri jew kaxxi, għandu jiġi inkluż in-numru tal-kontenitur u n-numru tas-siġill (fejn applikabbli).

Kaxxa I.25.: *Speċi*: daħħal "*Equus caballus*".

Kategorija: daħħal "Żwiemel reġistrati".

Sistema ta' identifikazzjoni: daħħal in-numru tal-passaport li jakkumpanja l-annimal u l-isem tal-awtorità kompetenti li vvalidat l-istess passaport.

Numru ta' identifikazzjoni: daħħal in-numru tal-ħajja uniku kif deskritt fl-Artikolu 2(2)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 tas-6 ta' Ġunju 2008 li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3).

Parti II:

([1]) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ dakinhar tat-tagħbija taż-żiemel għall-ispedizzjoni lejn il-post tad-destinazzjoni jew fl-aħħar jum ta' xogħol qabel ma jitgħabba ż-żiemel.

([2]) Parti ta' territorju f'konformità mal-Artikolu 13(2)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi (ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1). kif stabbilit fid-Deċiżjoni 2004/211/KE kif emendata l-aħħar.

([3]) Daħħal data (*jj/xx/ssss*).

([4]) Ħassar kif xieraq.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru

DIKJARAZZJONI

Jien, hawn taħt iffirmat ..... (*daħħal l-isem*) is-sid ([4]) jew ir-rappreżentant ([4]) taż-żiemel deskritt hawn fuq, niddikjara li:

— iż-żiemel se jintbagħat direttament mill-bini tal-ispedizzjoni lejn il-bini tad-destinazzjoni bla ma jiġi f'kuntatt ma' annimali ekwini oħra li ma jkunux tal-istess stat ta' saħħa;

— il-kundizzjonijiet tal-punt II.1.(d) taċ-Ċertifikat tas-Saħħa tal-Annimali huma ssodisfati;

— iż-żiemel kien esportat mill-Unjoni Ewropea fi ..... ([3])

....

(Post, data) (Firma)"

▼M23

L-ANNESS III

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati wara l-esportazzjoni temporanjalejn il-Kanada jew l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal inqas minn 90 jum sabiex jippartekipaw fitlielaq, kompetizzjonijiet jew avvenimenti kulturali speċifiċi

Nru taċ-ċertifikat: .....

Avveniment speċifiku: Preżentazzjonijiet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika fl-2005 mill-i*Spanish Riding School* ta' Vjenna biex tfakkar is-60 anniversarju tas-salvataġġ tal-Lipizzaner Awstrijak mill-Ġeneral George Patton.

Pajjiż terz ta' esportazzjoni: .....
(daħħal l-isem tal-pajjiż)

Ministeru responsabbli: .....
(daħħal l-isem tal-Ministeru)

I. *Identifikazzjoni taż-żiemel*

(a) Nru tad-dokument ta' identifikazzjoni .....

(b) Ivvalidat minn: .....
(isem l-awtorità kompetenti)

II. *L-oriġini taż-żiemel*

Iż-żiemel għandu jintbagħat minn: .....
(post tat-tluq)

għal: .....
(post ta' destinazzjoni)

bl-ajru: .....
(agħti n-numru tat-titjira)

Isem u indirizz ta' min jikkunsinna: .....

Isem u indirizz tar-riċevitur: .....

III. *Informazzjoni sanitarja*

Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li ż-żiemel deskritt hawn fuq jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jiġi minn pajjiż fejn il-mard li ġej huwa notifikabbli obbligatorjament: id-deni Afrikan taż-żwiemel, id-dourine, il-glanders, l-enċefalomjelite ekwina (tat-tipi kollha inkluża l-enċefalomjelite ekwina Venezwelana), l-anemija ekwina li tinfetta, l-istomatite vesikulari, ir-rabja, l-antraċe;

(b) ġie eżaminat u ma wera l-ebda sinjal kliniku ta' mard (1) ;

(c) mhux maħsub għall-qatla taħt programm nazzjonali ta' qirda ta' mard kontaġġuż jew li jinfetta;

(d) Mid-dħul fil-pajjiż tat-tluq, kien resident fi stabbilimenti taħt superviżjoni veterinarja, akkomodat fi stalel separati mingħajr kuntatt ma' ekwini f' qagħda inferjuri tas-saħħa.

▼M23

(e) jiġi mit-territorju jew fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni uffiċjali skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja minn parti tat-territorju ta' pajjiż terz li fih:

(i) l-enċefalomjelite ekwina Venezwelana ma dehritx matul l-aħħar sentejn,

(ii) id-dourine ma dehritx matul l-aħħar sitt xhur,

(iii) il-glanders ma deherx matul l-aħħar sitt xhur,

(f) ma jiġix mit-territorju jew parti mit-territorju ta' pajjiż terz meqjus, skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, bħala infettat bid-deni Afrikan taż-żwiemel;

(g) ma jiġix minn stabbiliment li kien soġġett għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u lanqas ma kellu kuntatt ma' ewkini minn stabbiliment li kien soġġett għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali li stipulaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) Jekk mhux l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxetibbli għal marda jew iktar imsemmija minn hawn 'il quddiem tneħħew mill-istabbiliment, il-projbizzjoni damet għal:

— sitt xhur fil-każ ta' enċefalomjelite ekwina, li tibda mill-ġurnata li fiha l-ekwini li jsofru mill-marda jkunu maqtula jew imneħħija mill-istabbiliment,

— perjodu meħtieġ biex jitwettqu żewġ testijiet Coggins tliet xhur minn xulxin li taw riżultati negattivi fuq kampjuni meħudin mill-annimali li fadal wara li kienu maqtula l-annimali infettati, fil-każ ta' anemija ekwina infettata,

— -xahar mill-aħħar każ irreġistrat, fil-każ ta' rabja,

— ħmistax mill-aħħar każ irreġsitrat, fil-każ ta' antraċe.

(ii) Jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxetibbli għall-marda nqatlu jew tneħħew mill-istabbiliment, il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 jum, jew ta' li 15-il jum fil-każ ta' antraċe, li jibdew mill-ġurnata meta l-istabbiliment tnaddaf u ġie ddiżinfettat wara l-qerda jew tneħħija ta' l-annimali.

(h) jiġi minn stabbiliment li

(i) jew kien suġġett għal ordni ta' projbizzjoni għal stomatite vesikulari u l-annimal ma kellux kuntatt ma' ekwini minn stabbiliment li kien suġġett għal din l-ordni ta' projbizzjoni matul is-sitt xhur li għaddew ([2]),

jew

(ii) kien mingħajr stomatite vesikulari matul it-30 ġurnata qabel it-tluq u protett minn insetti li jittrażmettu l-mard matul dawk it-30 ġurnata qabel it-tluq u fejn kien sottopost għal wieħed minn dawn it-testijiet tas-saħħa mwettqa fuq kampjun tad-demm meħud mhux qabel 21 jum wara il-bidu tal-perjodu tal-protezzjoni mill-insetti li jittrażmettu l-mard.

— test tan-newtralizzazzjoni tal-virus li jagħti riżultat negattiv f'dilwizjoni ta' serum ta' 1 f'12 ([2]),

jew

— test seroloġiku mwettaq u jagħti riżultati negattivi skond il-Kapitolu 2.1.2 tal-Manwal għat-Testijiet Dijanjostiċi u Tilqim għall-Annimali ta' l-art ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa ta' l-Annimali (OIE) ([2]);

(i) a fejn naf jien, ma kienx f'kuntatt ma' ekwini li jsofru minn mard li jinfetta jew kontaġġuż fil-15-il jum qabel din id-dikjarazzjoni.

▼M23

IV. *Informazzjoni dwar residenza u kwarantina*

(a) Iż-żiemel daħal fit-territorju tal-pajjiż tat-tluq fil- ..... (daħħal id-data)

(b) Iż-żiemel wasal mill-pajjiż tat-tluq minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea (2) jew minn ..... (2) (daħħal l-isem tal-pajjiż minn fejn iż-żiemel wasal fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni), dan ta' l-aħħar hu wieħed mill-pajjiżi ta' l-Amerika ta' Fuq elenkati fil-Grupp Ċ fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

(c) Iż-żiemel daħal fit-territorju tal-pajjiż tat-tluq taħt kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jkunu għallinqas stretti daqs dawk stipulati f'dan iċ-ċertifikat.

(d) Sa fejn jista' jkun aċċertat u bbażat fuq id-dikjarazzjoni mehmuża (li hi parti miċ-ċertifikat) mis-sid (2) jew mir-rappreżentant tas-sid (2) taż-żiemel, iż-żiemel ma kienx kontinwament barra mill-Komunità Ewropea għal 90 jum jew iktar, inkluża d-data tar-ritorn skedat skond dan iċ-ċertifikat, u ma kienx barra mill-pajjiżi msemmija hawn fuq.

V. Iż-żiemel se jintbagħat f'vettura mnaddfa u diżinfettata minn qabel b'diżinfettant rikonnoxxut uffiċjalment mill-pajjiż tat-tluq u ddiżinjata b'mod li l-ħmieġ, l-iskart u l-għalf ma jistgħux joħorġu matul it-trasport.

VI. *Iċ-ċertifikat jgħodd għal għaxart ijiem.*

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (*)

.....

Isem u kariga b'ittri kbar

(*) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-mudell stampat.

▼**M23**

DIKJARAZZJONI

Jiena, is-sottoskritt .....
(daħħal isem is-sid [2] jew rappreżentant [2] tas-sid taż-żiemel deskritt hawn fuq b'ittri kbar)

niddikjara li:

— iż-żiemel se jintbagħat direttament mill-istabbiliment tat-tluq lejn l-istabbiliment tad-destinazzjoni mingħajr ma jagħmel kuntatt ma' ekwini oħra li mhumiexfl-istess qagħda ta' saħħa;

— iż-żiemel huwa mċaqlaq biss bejn stabbilimenti taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet ċentrali kompetenti tal-pajjiż tat-tluq;

— iż-żiemel kien esportat minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea fil- ..... (daħħal id-data).

....
(Post, data) (Firma)

(1) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-mudell stampat.
(2) Ħassar fejn meħtieġ.

▼M10

L-ANNESS IV

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul lura ta' żwiemel reġistrati li ħadu sehem fit-Tazza tad-Dinja tat-Tlielaq ta' Dubaj wara esportazzjoni temporanja ta' 90 jum

Nru taċ-ċertifikat: .....

Pajjiż terz ta' esportazzjoni: EMIRATI GĦARAB MAQGĦUQA

Ministeru responsabbli: MINISTERU TA' L-AGRIKOLTURA

I. **Identifikazzjoni taż-żiemel**

(a) Nru tad-dokument ta' identifikazzjoni: .....

(b) Validat minn: .....
(isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. **Oriġini taż-żiemel**

Iż-żiemel irid jintbgħat minn: .....
(post minn fejn hu kkonsenjat)

għall: .....
(post ta' destinazzjoni)

bl-ajru: .....
(għati n-numru tat-titjira)

Isem u indirizz tal-konsenjatur: .....

.....

Isem u indirizz ta' dak li jirċievi: .....

.....

III. **Informazzjoni tas-saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li ż-żiemel ta' hawn fuq jilħaq il-ħtiġiet stipulati fil-punt III (a), (b), (ċ), (c), (f), (ġ) u (h) ta' l-Anness II li jinsab mad-Deċiżjoni 93/195/KEE u li hu kien miżmum taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali f'postijiet approvati protetti minn insetti *vector* minn mindu daħal fit-territorju ta' l-Awstralja fl- ..... (inqas minn 90 jum) u matul dak il-perjodu ġie miżmum fi stalla separata minħajr kuntatt ma' *equidae* ta' stat aktar baxx ta' saħħa, minbarra waqt il-kompetizzjonijiet.

IV. Iż-żiemel għandu jkun ikkonsenjat f'mezz ta' trasport imnaddaf u disinfettat minn qabel b'disinfettant uffiċjalment rikonoxxut fl-Emirati Għarab Maqgħuda.

V. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal għaxart ijiem.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (1)
Isem f'ittri kbar u kariga:		

(1) Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak tal-istampar".

▼M12

L-ANNESS V

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati li ħadu sehem fil-Melbourne Cup wara esportazzjoni temporanja ta' inqas minn 90 jum

Numru taċ-Ċertifikat: .....

Pajjiż terz esportatur: AWSTRALJA

Ministeru responsabbli: Ministeru ta' l-Agrikoltura — AQIS

I. **Identità taż-żiemel**

a) Numru tad-dokument ta' identità: .....

b) Konvalidat minn: .....
(isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. **Oriġini taż-żiemel**

Iż-żiemel qed jintbagħat minn: .....
(post tat-tluq)

għal: .....
(post ta' destinazzjoni)

bl-ajru: .....
(aġenzija tat-titjira)

Isem u indirizz ta' min jikkonsenja: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

III. **Tagħrif dwar saħħa**

Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li ż-żiemel imsemmi hawn fuq huwa skond il-ħtiġijiet imsemmija f'punt III(a), (b), (ċ), (e), (f), (g) u (h) ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/195/KEE, u li nżamm f'postijiet ta' taħriġ approvati uffiċjalment taħt superviżjoni veterinarja uffiċjali minn meta daħal fit-territorju Awstraljan fi ..... (inqas minn 90 jum) u matul dak iż-żmien inżamm fi stalel separati u mingħajr ma kien f'kuntatt ma' ekwidi ta' kondizzjoni ta' saħħa inferjuri, ħlief matul il-kompetizzjonijiet.

IV. Iż-żiemel għandu jintbagħat b'mezz ta' trasport nadif u disinfettat minn qabel b'disinfettant rikonoxxut uffiċjalment fl-Awstralja.

V. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal għaxart (10) ijiem.

Date	Place	Stamp and signature of the official veterinarian (1)

Name in block capitals and capacity

(1) The colour of the stamp and the signature must be different to that of the printing.'

▼M17

L-ANNESS VI

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati li ħadu sehem fit-Tlielaq Internazzjonali tat-Tazza tal-Ġappun u ta' Ħong Kong wara esportazzjoni temporanja ta' anqas minn 90 jum

Nru taċ-ċertifikat: .....

Pajjiż terz li qed jesporta: Il-Ġappun (1), ĦONG KONG (1)

Ministeru responsabbli: MINISTERU TA' L-AGRIKOLTURA

I. **Identifikazzjoni taż-żiemel**

a) Nru. tad-dokument ta' l-identifikazzjoni: .....

b) Validat minn: .....
(Isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. **Oriġini taż-żiemel**

Iż-żiemel ghandu jintbaghat minn: .....
(Post minn fejn intbaghat)

ghall: .....
(Post fejn se jintbaghat)

bl-ajru: .....
(Aghti n-numru tat-titjira)

Isem u indirizz ta' min jibghat: .....

Isem u indirizz ta' min jilqa': .....

III. **Informazzjoni dwar is-saħħa**

Jiena, hawn taht iffirmat/a, niċċertifika li ż-żiemel imsemmi aktar 'il fuq jissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mniżżla f'punti III (a), (b), (ċ), (e), (f), (g) u (h) ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 93/195/KEE u linżamm f'propjetà approvata uffiċjalment taht superviżjoni veterinarja uffiċjali minn mindu dahal fit-territorju tal-Ġappun (1) jew ta' Hong Kong (1) fil- ..... (anqas minn 90 jum) u li waqt dak il-perjodu nżamm fi stalel separati 'il boghod minn kull kuntatt ma' *equidae* ta' status ta' sahha inferjuri, hlief waqt il-kompetizzjonijiet.

IV. Iż-żiemel se jitwassal f'mezz ta' trasport imnaddaf u diżinfettat bil-quddiem b'diżinfettant li huwa aċċettat uffiċjalment fil-Ġappun (1) jew f' Hong Kong (1) .

V. Dan iċ-ċertifikat huwa validu ghal 10t ijiem.

Id-data	Il-post	It-timbru u l-firma ta' l-uffiċċjal veterinarju (*)

L-isem f'ittri kbar, suwed u l-kariga.

(*) Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak ta' l-istampar.

(1) Ħassar skond kif xieraq.

▼M28

L-ANNESS VII

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel irreġistrati wara l-esportazzjoni temporanja għal inqas minn 60 jum biex jipparteċipaw f'l-avvenimenti ekwestrjani tal-Logħob Asjatiku jew għat-Tazza tad-Dinja tal-Kapaċità ta' Reżistenza

Nru taċ-Ċertifikat: .....

Avveniment speċifiku:

Logħob Asjatiku fil- ..... ([1])
Tazza tad-Dinja tal-Kapaċità ta' Reżistenza fil- ..... ([1])

Pajjiż terz tal-esportazzjoni: .....
(daħħal l-isem tal-pajjiż)

Ministeru responsabbli: .....
(daħħal l-isem tal-Ministeru)

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

(a) Nru tad-dokument ta' identifikazzjoni: .....

(b) Ivvalidat minn: .....
(isem l-awtorità kompetenti)

II. L-oriġini taż-żiemel

Iż-żiemel għandu jintbagħat minn: .....
(post tat-tluq)

lil: .....
(il-post tad-destinazzjoni)

bl-ajru ([1]): .....
(aġħti n-numru tat-titjira)

bit-trasport bl-art ([1]): .....
(aġħti n-numru tal-pjanċa)

L-isem u l-indirizz ta' min jibgħat: .....

L-isem u l-indirizz ta' min jirċievi: .....

III. Tagħrif dwar is-saħħa

Jiena, li ismi jidher imniżżel aktar 'l isfel, niċċertifika li ż-żiemel deskritt aktar 'il fuq jilħaq il-kundizzjonijiet meħtieġa li ġejjin:

(a) ġej minn pajjiż terz, territorju jew, fejn ir-reġjonalizzazzjoni tapplika skont l-Artikolu 13(2)(a) tad-Direttiva 90/426/KEE, parti minn pajjiż terz jew territorju mniżżel fl-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE fejn dan il-mard li ġej hu mgħarraf b'obbligu fil-pajjiż terz kollu jew fit-territorju: Il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-dourine, il-glanders, l-enċefalomjelite tal-ekwini (tal-għamliet kollha inklużi l-enċefalomjelite Veneżweljana taż-żwiemel), l-anemija infettiva tal-ekwini, l-istomatite vesikulari, l-idrofobija (rabja) u l-antraċe;

(b) ġie eżaminat illum u ma wera l-ebda sinjal kliniku ta' mard ([2]);

(c) mhux maħsub biex jinqatel skont programm nazzjonali ta' mard infettiv jew qerda ta' mard li jittieħed;

(d) Minħabba li d-dħul tiegħu fil-pajjiż terz, territorju jew parti tal-pajjiż tat-tluq, dan kien resident fl-istabbilimenti taħt superviżjoni veterinarja, impoġġi fi stalel differenti minghajr ma jiġi f'kuntatt mal-ekwidi ta' f'qagħda agħar ta' saħħa, ħlief matul il-kompetizzjonijiet li jsiru fl-isfond tal-avvenimenti ekwestri speċifikati hawn fuq;

(e) jiġi minn pajjiż terz, territorju jew, fejn ir-reġjonalizzazzjoni tapplika skont l-Artikolu 13(2)(a) tad-Direttiva 90/426/KEE, parti minn pajjiż terz jew territorju li fih:

(i) l-enċefalomjelite ekwina Venezweljana ma tfaċċatx matul l-aħħar sentejn,

(ii) ma kienx hemm każ ta' dourine matul l-aħħar sitt xhur;

(iii) il-glanders ma tfaċċatx matul l-aħħar sitt xhur;

(f) ma jiġix minn pajjiż terz, territorju jew parti meqjusa tiegħu, skont l-Artikolu 13(2)(a) tad-Direttiva 90/426/KEE, bħala mhux ħieles mill-marda taż-żwiemel Afrikani;

▼**M28**

(g) ma jiġix minn stabbiliment li kien soġġett għall-projbizzjoni għar-raġunijiet tas-saħħa tal-annimali lanqas ma kien f'kuntatt ma' ekwidi minn stabbiliment li kien soġġett għall-projbizzjoni ta' raġunijiet tas-saħħa tal-annimali:

(i) matul is-sitt xhur fil-każ ta' enċefalomjelite ekwina, li tibda fid-data li fiha l-ekwidi li jsofru mill-mard huma maqtula;

(ii) fil-każ ta' anemija infettiva, sad-data li fiha, l-ekwidi infettati nqatlu, l-ekwidi li jibqgħu jkunu wrew reazzjoni negattiva għaż-żewġ testijiet Coggins imwettqa fi żmien tliet xhur bejn il-wieħed u l-ieħor;

(iii) matul sitt xhur fil-każ tal-istomatite vesikulari;

(iv) matul sitt xhur fil-każ tal-artritis virali tal-ekwina;

(v) waqt xahar mill-aħħar każ rekordjat, fil-każ ta' idrofobja;

(vi) matul 15-il ġurnata mill-aħħar każ rekordjat, fil-każ ta' traċina.

Jekk l-annimali kollha tal-ispeċi suxxettibbli għal mard lokalizzat fl-istabbiliment ikunu ġew maqtula u l-bini jkun iddiżinfettat, il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 ġurnata, li jibda fil-ġurnata meta l-annimali jkunu ġew meqruda u l-bini ddiżinfettat, minbarra fil-każ tal-antraċe, meta l-perjodu ta' projbizzjoni huwa ta' 15-il ġurnata;

(h) skont l-aħjar tagħrif tiegħi, ma ġiex f'kuntatt ma' ekwidi li jsofru minn marda infettiva jew li tinxtered fi 15-il ġurnata qabel id-data ta' din id-Dikjarazzjoni.

IV. Informazzjoni dwar residenza u kwarantina:

(a) Iż-żiemel daħal fil-pajjiż terz, territorju jew parti minnu ta' tluq fil- ..... (daħħal id-data).

(b) Iż-żiemel wasal fil-pajjiż terz, territorju jew parti minnu ta' tluq jew minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ([1]) jew minn ..... (daħħal l-isem tal-pajjiż terz, territorju jew parti minnu minn fejn wasal iż-żiemel fil-pajjiż terz, jew parti minnu ta' tluq), dan tal-aħħar ikun wieħed mill-pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom imniżżla fl-istess grupp sanitarju fil-kolonna 5 tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE bħala l-pajjiż terz, territorju jew parti minnu ta' tluq.

(c) Iż-żiemel daħal fil-pajjiż terz, fit-territorju jew parti tal-pajjiż tat-tluq taħt kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jkunu stretti għallinqas daqs dawk stipulati f'dan iċ-ċertifikat.

(d) Safejn jista' jkun aċċertat u bbażat fuq id-Dikjarazzjoni mehmuża (li hi parti minn dan iċ-Ċertifikat) mis-sid ([1]) jew mir-rappreżentant tas-sid ([1]) taż-żiemel, iż-żiemel ma kienx kontinwament barra mill-Unjoni Ewropea għal 60 jum jew iktar, inkluża d-data tar-ritorn skedata skont dan iċ-Ċertifikat, u ma kienx barra mill-pajjiżi terzi, territorji jew partijiet tagħhom imsemmija fil-punt (b).

V. Iż-żiemel se jintbagħat f'vettura mnaddfa u diżinfettata minn qabel b'diżinfettant rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiż terz, it-territorju jew parti mill-pajjiż tat-tluq u ddisinjata b'mod li l-ħmieġ, l-imfierex u l-għalf ma jistgħux joħorġu matul it-trasport.

VI. Dan iċ-Ċertifikat huwa validu għal għaxart ijiem.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali([1])

Isem f'ittri kapitali u l-pożizzjoni.

([1]) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-mudell stampat.

▼**M28**

DIKJARAZZJONI

Jiena, li ismi jidher imniżżel aktar 'l isfel .....
(daħħal isem is-sid ([1]) jew rappreżentant ([1]) tas-sid taż-żiemel deskritt hawn fuq b'ittri kbar)

niddikjara li:

— iż-żiemel se jintbagħat direttament mill-istabbilimenti tat-tluq lejn l-istabbilimenti tad-destinazzjoni mingħajr ma jagħmel kuntatt ma' ekwidi oħra li qegħdin f'qagħda agħar ta' saħħa;

— matul il-waqfa tiegħu fil-pajjiż terz, it-territorju jew parti mill-pajjiż tat-tluq iż-żiemel iċċaqlaq biss minn bini għall-ieħor taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz tat-tluq;

— iż-żiemel kien esportat minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fil- ..... (daħħal id-data);

— Minħabba li ż-żiemel telaq mill-Unjoni Ewropea inqas minn 60 jum ilu dan kien biss f'pajjiżi terzi, territorji jew partijiet tagħhom assenjati lill-istess grupp sanitarju indikat fil-kolonna 5 tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE bħala l-pajjiż terz, it-territorju jew parti minnu tat-tluq u ġie introdott fil-pajjiż, territorju jew parti minnu minn ..... (daħħal l-isem ta' pajjiż terz, territorju jew parti minnu).

....
(Post, data) (Firma)

([1]) Ħassar fejn ma japplikax.
([2]) Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ fid-data tat-tagħbija taż-żiemel biex jintbagħat lejn l-Unjoni Ewropea jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel l-embarkazzjoni."

▼**M20**

L-ANNESS VIII

CERTIFIKAT TAS-SAHHA

ghad-dhul mill-ġdid taż-żwiemel reġistrati biex jieħdu sehem fil-Grupp Internazzjonali/laqgħat tal-Grad fl-Awstralja, l-Kanada, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, Hong Kong, il-Gappun, Singapor jew l-Emirati Maghquda Gharab wara l-esportazzjoni temporanja għal inqas minn 90 ġurnata

Nru ta' ċertifikat: .....

Pajjiż ta' l-esportazzjoni li mhux membru: AWSTRALJA (1), IL-KANADA (1), L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA (1) HONG KONG (1), IL-GAPPUN (1), SINGAPORE (1), L-EMIRATI MAGHQUDA GHARAB (1)

Ministeru Responsabbli: MINISTERU TA' L-AGRIKULTURA

I. **Identifikazzjoni taż-żiemel**

(a) Nru tad-dokument ta' l-identifikazzjoni: .....

(b) Validitat minn: .....
(isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. **L-oriġini taż-żiemel**

Iż-żiemel għandu jkun mibgħut minn: .....
(post fejn mibgħut)

għal: .....
(post tad-destinazzjoni)

bl-ajru: .....
(numru tat-titjira)

L-isem u l-indirizz tal-konsenjatur: .....

L-isem u l-indirizz ta' dak li qed jirċievi: .....

III. **Informazzjoni tas-saħħa**

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li ż-żiemel deskritt fuq jilħaq il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) dan ġej minn pajjiż fejn il-mard li ġej huwa kompulsarjament notifikabbli: Mard taż-żiemel Afrikan, dourine, glanders, equine encephalomyelitis (ta' kull tip inkluż Venezuelan equine encephalomyelitis), equine infectious anaemia, vesicular stomatitis, rabies, anthrax;

(b) kien eżaminat il-lum u ma juri ebda sinjali kliniċi tal-mard (2);

(ċ) ma ħux maħsub għat-tbiċċir taħt il-programm nazzjonali ta' l-eredità infettuża jew kontaġġjuża tal-mard;

(d) mid-dhul tiegħu fil-pajjiż tad-dispaċċ, kien residenti fir-razzett taħt superviżjoni veterinarja, akkommodat fi stallel separati minħajr ma ġie fil-kuntatt ma stat tas-saħħa bl-ekwidi baxxi minbarra fil-ħin tat-tlielaq;

(e) dan ġej mit-territorju jew fil-każ tar-reġjonalizzazzjoni uffiċjali skond il-Komunità minn parti tat-territorju tal-pajjiż li mhux membru fejn:

(i) Venezuelan equine encephalomyelitis ma kenitx evidenti f'dawn l-aħħar sentejn;

(ii) Dourine ma kenetx evidenti f'dawn l-aħħar sitt xhur;

(iii) Glanders ma kenetx evidenti f'dawn l-aħħar sitt xhur;

▼M20

(f) dan mhux ġej minn territorju jew parti tat-territorju tal-pajjiż li mhux membru kunsidrat, bi qbil mal-leġislazzjoni tal-Komunità, li hu infettat bil-mard Afrikan taż-żiemel;

(g) dan mhux ġej mir-razzett li kien suġġett ghall-ordni tal-projbizzjoni ghar-raġunijiet ta'sahha ta' l-annimal u l-anqas kellu kuntatt ma` l-ekwina mir-razzett li kien suġġett ghall-ordni tal-projbizzjoni ghar-raġunijiet tas-sahha ta' l-annimal li ippreskriva dawn il-kundizzjonijiet:

(i) jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxettibli ghal marda wahda jew iżjed referit ghaliha min hawn 'il quddiem lokalizzata fir-razzett kienu mnehhija, il-projbizzjoni damet sa:

— sitt xhur fil-każ ta' l-equine encephalomyelitis, li jibda fid-data li fiha l-ekwin li jkun qed isoffri minn din il-marda kien imbiċċer,

— perjodu mehtieġ biex ikunu maghmulha żewġ testijiet tat-tip Coggins bir-riżultati negattivi tlett xhur il-boghod mill-kampjuni mehuda mill-annimali li jibqghu wara li l-annimali infettati kienu imbiċċra, fil-każ ta' l-ekwini infettati bl-anemija,

— sitt xhur fil-każ tal-vesicular stomatitis,

— sitt xhur fil-każ ta' l-ekwini viral arteitis,

— xahar minn meta kien rekordjat l-ahhar każ, fil-każ tar-rabies,

— 15-il ġurnata minn meta kien rekordjat l-ahhar każ ta' l-anthrax;

(ii) jekk l-annimali kollha suxxettibbli ghal mard lokalizzat fir-razzett kienu mbiċċra jew imnehhija u l-post disinfettat, il-perjodu tal-projbizzjoni ghandu jkun ta' 30 ġurnata u jibda fil-ġurnata li fiha l-annimali kienu distrutti jew imnehhija u l-post disinfettat, minbarra fil-każ ta' l-anthrax, fejn il-perjodu tal-projbizzjoni huwa ta' 15-il ġurnata;

(h) fl-ahjar gharfien tieghi, dan ma kienx fil-kuntatt ma l-ekwin li kien qed isofri minn marda infettuża jew kontaġġjuża fil-15-il ġurnata qabel din id-dikjarazzjoni.

IV. **Informazzjoni tar-residenza u l-kwarantina**

(a) Iż-żiemel daħal fit-territorju tal-pajjiż tad-dispaċċ fil- ..... (dahhal id-data).

(b) Iż-żiemel wasal fil-pajjiż tad-dispaċċ jew minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea [1] jew minn ..... [1] (dahhal isem il-pajjiż minfejn wasal iż-żiemel fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni), b` ta' l-ahhar ikun wieħed mill-pajjiżi elenkati fuq.

(ċ) Iż-żiemel daħal il-pajjiż tad-dispaċċ taht il-kundizzjonijiet tas-sahha ta' l-annimal mill- inqas stretti bhal dawk preskritti f'dan iċ-ċertifikat.

(d) Sakemm jista jkun aċċertat u bażat fuq id-dikjarazzjoni mehmuża tas-sid taż-żiemel, jew ir-rappreżentant tieghu [1], li hija parti miċ-ċertifikat, iż-żiemel ma kienx kontinwament barra l-Komunità Ewropea ghal aktar minn 90 ġurnata, id-data tar-ritorn skedata bi qbil ma dan iċ-ċertifikat inkluż, u ma kienx barra il-pajjiżi elenkati fuq .

V. Iż-żiemel se jkun mibghut ġo vettura nadifa u disinfettata minn quddiem b'disinfettant konoxxut uffiċjalment fil-pajjiż tad-dispaċċ u mfassal b'mod li it-twaqqigh, l-iskart u l-ikel ma jkunux jistghu jintilfu waqt it-trasportazzjoni.

VI. Iċ-ċertifikat huwa validu ghal 10 t`ijiem.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali [3]

Isem f'ittri kapitali kbar u l-kapaċità.

▼**M20**

DIKJARAZZJONI

Ji, Jien hawn taħt iffirmat .....
(daħħal l-isem tas-sid [1] jew rappreżentant [1] tas-sid taż-żiemel deskritt fuq b'ittri kbar)

Niddikjara li:

— Iż-żiemel se jkun mibgħut direttament mill-post tad-dispaċċ għall-post tad-destinazzjoni minħajr ma jiġi fil-kuntatt ma' ekwin ieħor li m`hux ta' l-istess stat ta` saħħa;

— Iż-żiemel huwa mċaqlaq biss bejn il-postijiet approvati miż-żwiemel li qed jipparteċipaw fil- laqgħat tal-Grupp/Grad fl-Awstralja, l-Kanada, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, Hong Kong, il-Gappun u Singapore jew fl-Emirati Maqħquda Għarab;

— Iż-żiemel kien esportat mill-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea fil- ..... (daħħal id-data).

..... , ...
(Post, data) (Firma)

([1]) Ħassar kif xieraq.

([2]) Iċ-ċertifikat għandu jkun maħruġ fil-ġurnata tat-tagħbija taż-żiemel għad-dispaċċ għal post tad-destinazzjoni jew fl-aħħar ġurnata tax-xogħol qabel l-imbarkazzjoni.

([3]) Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar."

▼M24

L-ANNESS IX

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel irreġistrati wara l-esportazzjoni temporanja għal inqas minn 90 jum biex jipparteċipaw f'-avvenimenti ekwestri għal-Logħob Olimpiku, avvenimenti ta' testijiet ta' tħejjija għal dawn ta' l-aħħar jew il-*Paralympics*

Nru taċ-ċertifikat: .....

Avveniment speċifiku:

Avveniment ta' test bi tħejjija għal-Logħob Olimpiku fi ..... (1)
Logħob Olimpiku fi ..... (1)
Paralympics fi ..... (1)

Pajjiż terz ta' l-esportazzjoni: .....
(daħħal l-isem tal-pajjiż)

Il-Ministeru responsabbli: .....
(daħħal l-isem tal-Ministeru)

I. **Identifikazzjoni taż-żiemel**

a) Nru. tad-dokument ta' identifikazzjoni .....

b) Ivvalidat minn: .....
(isem l-awtorità kompetenti)

II. **L-oriġini taż-żiemel**

Iż-żiemel għandu jintbagħat minn: .....
(post tat-tluq)

lil: .....
(il-post tad-destinazzjoni)

bl-ajru (1): .....
(aġħti n-numru tat-titjira)

bit-trasport bl-art (1): .....
(Ipprovdi n-numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni)

L-isem u l-indirizz ta' min jikkunsinna: .....

L-isem u l-indirizz tar-riċevitur: .....

III. **Informazzjoni sanitarja**

Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li ż-żiemel deskritt hawn fuq jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

a) ġej minn pajjiż fejn il-mard li ġej għandhom ikunu notifikati b'mod obbligatorju: ġej minn pajjiż fejn m'hemmx obbligu ta' notifika għall-mard li ġej: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-*dourine*, il-*glanders*, l-enċefalomjelite taż-żwiemel (ta' l-għamliet kollha inklużi l-enċefalomjelite Veneżweljana taż-żwiemel), l-anemija infettiva taż-żwiemel, l-istomatite vesikulari, l-idrofobija (rabja) u l-antraċe;

b) ġie eżaminat illum u ma wera l-ebda sinjal kliniku ta' mard (2);

c) mhux maħsub għall-qatla taħt programm nazzjonali ta' qerda ta' mard kontaġġuż jew li jinfetta;

d) mid-dħul fil-pajjiż tat-tluq, kien resident fi stabbilimenti taħt superviżjoni veterinarja, akkomodat fi stalel separati mingħajr kuntatt ma' ekwini f'qagħda inferjuri tas-saħħa, ħlief waqt il-kompetizzjonijiet;

▼M24

e) ġej mit-territorju jew, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni uffiċjali skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, minn parti tat-territorju ta' pajjiż terz li fih:

i) l-enċefalomjelite ekwina Venezwelana ma dehritx matul l-aħħar sentejn,

ii) id-*dourine* ma dehritx matul l-aħħar sitt xhur,

iii) il-*glanders* ma deherx matul l-aħħar sitt xhur,

f) ma jiġix mit-territorju, jew minn parti mit-territorju, ta' pajjiż terz meqjus, skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja, bħala infettat bid-deni Afrikan taż-żwiemel;

ġ) ma jiġix minn stabbiliment li kien soġġett għal ordni ta' projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali u lanqas ma kellu kuntatt ma' ewkini minn stabbiliment li kien soġġett għal projbizzjoni għal raġunijiet ta' saħħa ta' l-annimali li stipula l-kundizzjonijiet li ġejjin:

i) Jekk mhux l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxetibbli għal marda jew iktar imsemmija minn hawn 'il quddiem tneħħew mill-istabbiliment, il-projbizzjoni damet għal:

— sitt xhur fil-każ ta' l-istomatite vesikulari,

— sitt xhur fil-każ ta' l-enċefalomjelite ekwina, li tibda mill-ġurnata li fiha l-ekwini li jsofru mill-marda jkunu maqtula jew imneħħija mill-istabbiliment,

— perjodu meħtieġ biex jitwettqu żewġ testijiet Coggins tliet xhur minn xulxin li taw riżultati negattivi fuq kampjuni meħudin mill-annimali li fadal wara li kienu maqtula l-annimali infettati, fil-każ ta' anemija ekwina li tinfetta,

— xahar mill-aħħar każ irreġistrat, fil-każ tar-rabja,

— ħmistax mill-aħħar każ irreġsitrat, fil-każ ta' l-antraċe.

ii) Jekk l-annimali kollha ta' l-ispeċi suxxetibbli għall-marda nqatlu jew tneħħew mill-istabbiliment, il-perjodu ta' projbizzjoni għandu jkun ta' 30 jum, jew ta' 15-il jum fil-każ ta' l-antraċe, li jibdew mill-ġurnata meta l-istabbiliment tnaddaf u ġie ddiżinfettat wara l-qerda jew tneħħija ta' l-annimali.

h) sa fejn naf jien, ma kienx f'kuntatt ma' ekwini li jsofru minn mard li jinfetta jew kontaġġuż fil-15-il jum qabel din id-dikjarazzjoni.

IV. **Informazzjoni dwar residenza u kwarantina:**

a) Iż-żiemel daħal fit-territorju tal-pajjiż tat-tluq fil- ..... *(daħħal id-data).*

b) Iż-żiemel wasal fil-pajjiż tat-tluq jew minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea [1] jew minn ..... [1] *(daħħal l-isem tal-pajjiż minn fejn iż-żiemel wasal fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni)*, u dan ta' l-aħħar hu wieħed mill-pajjiżi elenkati fl-istess grupp sanitarju fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

ċ) Iż-żiemel daħal fit-territorju tal-pajjiż tat-tluq taħt kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jkunu stretti għallinqas daqs dawk stipulati f'dan iċ-ċertifikat.

d) Sa fejn jista' jkun aċċertat u bbażat fuq id-dikjarazzjoni meħmuża (li hi parti miċ-ċertifikat) mis-sid [1] jew mir-rappreżentant tas-sid [1] taż-żiemel, iż-żiemel ma kienx kontinwament barra mill-Unjoni Ewropea għal 90 jum jew iktar, inkluża d-data tar-ritorn skedata skond dan iċ-ċertifikat, u ma kienx barra mill-pajjiżi msemmija hawn fuq.

▼M24

V. Iż-żiemel se jintbagħat f'vettura mnaddfa u diżinfettata minn qabel b'diżinfettant rikonnoxxut uffiċjalment fil-pajjiż tat-tluq u ddisinjata b'mod li l-ħmieġ, il-mifrex u l-għalf ma jistgħux joħorġu matul it-trasport.

VI. Iċ-ċertifikat jgħodd għal għaxart ijiem.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali ([3])

Isem u kariga b'ittri kbar:

DIKJARAZZJONI

Jiena, is-sottoskritt, ...
(daħħal l-isem tas-sid ([1]) b'ittri kbar jew tar-rappreżentant ([1]) tas-sid taż-żiemel deskritt hawn fuq)

niddikjara li:

— iż-żiemel se jintbagħat direttament mill-istabbiliment tat-tluq lejn l-istabbiliment tad-destinazzjoni mingħajr ma jagħmel kuntatt ma' ekwini oħra li mhumiex fl-istess qagħda ta' saħħa;

— iż-żiemel ikun imċaqlaq biss bejn stabbilimenti taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet ċentrali kompetenti tal-pajjiż tat-tluq

— iż-żiemel kien esportat minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea fil- ..... *(daħħal id-data)*.

..... , ...
(Post, data) (Firma)

([1]) Ħassar kif xieraq.

([2]) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ fil-jum tat-tagħbija ta' l-annimal biex jintbagħat lejn l-Unjoni Ewropea jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel l-embarkazzjoni.

([3]) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-mudell stampat.